MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 155/2014

**A B**
**u**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima bejniethom u frott ta' din ir-relazzjoni kienet twieldet il-minuri J B nhar is-sebgha ta' Novembru 2002;

Illi sussegwentement il-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Settembru 2003;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mis-sena 2007 tant illi kienu ghamlu separazzjoni tal-beni u anke kienu ghamlu skrittura dwar manteniment ghall-minuri;

Illi sabiex jirregolaw il-kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri J B huma iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Rosella Soler nhar is-16 ta' April 2014;

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm ebda problem dwar manteniment ghall-minuri;

Illi dawn il-fatti precitati jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju a tenur ta' l-Artikolu 66B tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi peress illi l-esponenti C B ma kienitx utilizzat id-dritt taghha illi tirriverti ghal kunjom xbubitha fil-kuntratt tas-separazzjoni personali, hija tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe Salakon mal-hall taz-zwieg taghha minn zewgha A B;

Talbu in vista tas-su espost li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Taqta' u tiddeciedi illi l-esponenti C B tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe Salakon;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' April, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti C B talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe Salakon u illi ir-rikorrenti A B ma opponix ghal din it-talba. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tawtorizza lir-rikorrenti Ampornat B tirriverti ghal kunjom xbubita Salakon;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom snin twal mifrudin de facto u iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fis-16 ta’ April 2014;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda possibilita ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u  illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti Ampornat B tirriverti ghal kunjom xbubita Salakon, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------